Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 63/15 AM

**Vodafone Malta Ltd (C-10865)**

**(soċjeta` appellanti)**

**vs**

**John Theuma**

**(appellat)**

28 ta' Lulju, 2017

1. **Din hija kawża għall-ħlas ta' servizzi u prodotti pprovduti mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.**

2. Fl-Avviż tat-Talba tas-27 ta' Jannar 2015 ippreżentat quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, is-soċjeta` attriċi Vodafone Malta Ltd talbet li l-konvenut jiġi kkundannat iħallasha s-somma ta' **€3,854.16** rappreżentanti ammont allegatament dovut lilha għal servizzi u prodotti provduti minnha lill-istess konvenut abbażi ta' ftehim bejniethom. Hija ppreżentat rendikont Dok VF1 fir-rigward tas-somma pretiża minnha, liema dokument jirreferi għal-linja tat-telephone mertu tal-kuntratt. Bl-ispejjeż, inkluż dawk riferibbli għall-ittra uffiċjali 2432/14, u bl-imgħax legali mid-data ta' meta l-ammont sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

3. Fir-Risposta tiegħu tal-20 ta' Frar 2015 il-konvenut wieġeb biex jgħid li:

(i) t-talbiet tas-soċjeta` attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex huwa qatt ma uża servizzi li jammontaw għall-ammont mitlub;

(ii) li r-rendikont esebit juri diskrepanzi fl-ammonti rikjamati, liema

diskrepanzi huma frott ta' żbalji u ineżattezzi, u

(iii) li s-soċjeta` attriċi taf li <u>kien ħaddieħor, u mhux hu, li b'qerq għamel użu min-numru tiegħu.</u>

4. <u>Fit-8 ta' April 2015</u> is-soċjeta` attriċi ppreżentat nota li permezz tagħha **rriduċiet** l-ammont ta' sorte reklamat minnha għal **<u>€3,494.06</u>**.

5. <u>Fis-sentenza li ingħatat fis-7 ta' April 2016</u>, it-Tribunal ċaħdet it-talbiet tas-soċjeta` attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta` attriċi.

6. Il-konvenuta ħassitha aggravata b' din id-deċiżjoni u għalhekk fis-2<u>7 ta' April 2016 intavolat appell</u> quddiem din il-qorti fejn talbitha sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tikkundanna lill-konvenut appellat sabiex iħallasha l-ammont ta' €3,494. Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut appellat, u bl-imgħax legali dekorribbli minn meta l-ammont surreferit sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

7. **<u>L-aggravju tas-soċjeta` attriċi jirrigwarda l-apprezzament tal-provi</u>**. Issostni li t-Tribunal kien żbaljat fl-evalwazzjoni tal-provi prodotti quddiemu, bil-konsegwenza li saret inġustizzja flagranti fil-konfront tagħha. Hija tagħmel riferenza għal diversi fatturi f' dan ir-rigward, partikolarment is-segwenti:

- Dwar il-kumment tat-Tribunal li s-soċjeta` attriċi <u>ma tat l-ebda spjegazzjoni għaliex kienet tat skont lill-konvenut</u>, tilmenta li invece jirriżulta ben ċar mill-provi li peress li dan kien każ uniku fejn il-konvenut ġie rinfaċċjat b'kont ta' €11,000 minħabba traskuraġni tiegħu meta afda l-*password* tal-kont tal-Vodafone li għandu *online* f' idejn terzi, u li hi, in vista ta' din iċ-ċirkostanza aċċettat li żżommlu biss tal-ispejjeż li kellha toħroġ hi (cioe` it-*termination charge* li kellha tħallas lin-network internazzjonali), u allura kien għalhekk li naqqsitlu l-kumplament.

- Dwar il-kumment tat-Tribunal li s-soċjeta` attriċi <u>naqset li tiproduċi provi</u>

dwar l-awtentiċita` tal-*emails* taċċenna għall-fatt li Joseph Azzopardi ħalef li l-korrispondenza li ppreżenta ottjena kopja tagħha huwa stess mis-sistema tas-soċjeta` attriċi;

- Dwar il-kumment tat-Tribunal li s-soċjeta` attriċi ma ressqitx bħala xhud lill-impjegata Caroline Borg li magħha kien jilmenta l-konvenut, tgħid illi peress li hija timpjega mijiet ta' nies, u allura huwa impossibbli li l-istess persuna tkun involuta fi kwistjoni ta' dan it-tip mill-bidu sal-aħħar, hija kienet ressqet lil Joseph Azzopardi in rappreżentanza tagħha (s-soċjeta` attriċi) li huwa mgħarraf bil-fatti peress li kif spjega hu stess, l-informazzjoni kollha neċessarja tkun qegħda fuq is-sistema li huwa kellu aċċess għaliha u dan *di prima mano.*

- Hija tilmenta li t-Tribunal iktar emmen il-verżjoni tal-konvenut li l-*online account* tiegħu kien ġie "*hacked*" u ssostni invece li l-provi juru invece li l-konvenut stess kien ammetta li kien għadda l-*password* tal-kont tiegħu lil terza persuna. Taċċenna għall-*emails* skambjati bejn l-impjegati tagħha fejn inter alia ingħad illi "*Customer is aware that it is his mistake*" u "*Customer provided web pw to third party*". In oltre taċċenna għar-risposta tal-konvenut għall-Avviż tat-Talba tagħha, fejn kien qal li "*s-soċjeta` attriċi taf li n-numru intuża b'qerq minn terza persuna".* Issostni li l-konvenut ma ssostanzjax l-argument tiegħu li huwa ġie "*hacked*", iżda sempliċiment użaha bħala skuża.

- Dwar l-osservazzjoni tat-Tribunal li l-konvenut innega li kellu "*password* " u li innega li ta l-"*password"* tikkummenta li din il-verżjoni li jagħti hija "*konvenjenti*" għalih sabiex ma jiġix ikkundannat iħallas spejjeż akkummulati b' riżultat tal-fatt li huwa ta l-"*password"* tiegħu lil terzi.

8. Il-konvenut fl-20 ta' Marzu 2017 wieġeb biex jgħid li l-appell interpost mis-soċjeta` attriċi għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata.

**Fatti li taw lok għall-kawża:**

9. Il-konvenut kellu linja tal-*mobile* provduta mis-soċjeta` attriċi Vodafone Malta Ltd li magħha kellu kuntratt u kien iħallas kull xahar. Jekk wieħed jara d-dokument Dok VF1[1] esebit mal-Avviż tat-Talba, (konsistenti f' rendikont tal-*invoices* li kienu joħorġu kull xahar u tal-pagamenti relattivi li kien jagħmel il-konvenut) jinnota li l-konsum tiegħu kien bejn wieħed u ieħor uniformi (rarament kien jaqbeż l-€100 fix-xahar) u li kien iħallas regolarment.

10. L-*invoice* ta' Jannar 2013[2] hija partikolari għaliex fiha ġie indikat li barra l-konsum regolari tas-soltu kien sar "*web messaging*" fl-ammont ta' €11,218.19. L-*itemised bill* f' dan ir-rigward li jinsab fis-CD (Dok JA3)[3]. Il-konvenut ma ħallasx tali ammont.

11. Kif jirriżulta mill-iskambju ta' *emails* interni[4] f' ħdan is-soċjeta` attriċi, ittieħdet id-deċiżjoni li l-konvenut jingħata "*discount*" ta' €7,815.49 fir-rigward tal-ammont ta' €11,218.19 allegatament dovut mill-konvenut għal dan il-"*web messaging*". Jidher li din id-deċiżjoni ittieħdet wara li s-soċjeta` attriċi qieset li dawn il-messaġġi ma kienx fil-fatt għamilhom il-konvenut personalment.

12. Fil-fatt mill-*invoice* ta' Ġunju 2013[5] jidher li s-soċjeta` attriċi effettivament naqqset mill-kont li għandu magħha l-konvenut l-ammont ta' €7,815.49 b'dan li il-bilanċ pendenti f' dak l-istadju kien ta' €3,728.53.

13. Il-konvenut baqa' jagħmel pagamenti żgħar fix-xahar sa Ottubru 2013 (relatati mal-kera tal-linja u xi konsum żgħir) imbagħad is-servizz ġie sospiż in vista tal-fatt li l-bilanċ kien baqa' għoli.[6]

14. Sa Marzu 2014 il-bilanċ pendenti kien fl-ammont ta' €3,854.16. Għalhekk is-

[1] Rendikont, **Dok VF1**, Fol 2-4
[2] Invoice ta' Jannar 2013, fol 36-37, (parti minn **Dok JA1** li huma invoices minn Jannar 2013 sa Marzu 2014, fol 18-37)
[3] CD – itemised bill – Dok **JA2**, fol 38
[4] Emails interni fi ħdan is-soċjeta` attriċi, Dok **JA4**, fol
[5] Invoice ta' Ġunju 2013, **Dok JA3**, fol 39-40
[6] Ara email interna tal-24.10.2013, fol 43 tergo

soċjeta` attriċi ipproċediet b' din il-kawża biex tirkupra dan l-ammont. Fil-mori tal-kawża imbagħad irriduċiet tali somma għal €3,494.06.

15. Il-każ odjern huwa bażikament ippernjat fuq il-kwistjoni tal-"*web messaging*" u partikolarment dwar jekk il-konvenut għandux jitqies responsabbli fir-rigward.

**Verżjoni tas-soċjeta` attriċi:**

16. Joseph Azzopardi, *Credit Control Manager* fi ħdan is-soċjeta` attriċi, fix-xiehda tiegħu[7] ikkonferma d-Dok VF1 (esebit mal-Avviż) u wkoll id-dokumenti Dok JA1 sa JA4 li ppreżenta huwa stess seduta stante.

17. Huwa xehed illi l-ammont li qabeż il-€11,000-il elf li jidher fuq il-kont ta' Jannar 2013 jirrigwarda SMSes li saru internazzjonalment. Spjega li meta jintbagħtu SMSes internazzjonali is-soċjeta` attriċi tiġi ċċarġjata spejjeż mingħand in-network internazzjonali, liema spejjeż jisseħju "*termination charge*". Qal li allura s-soċjeta` attriċi tiċċarġa lill-kljent kemm ta' dan it-"*termination charge*" kif ukoll għall-"fee" tagħha.

18. Issa fil-każ in kwistjoni qal li kif is-soċjeta` attriċi intebħet b' dan il-kreditu daqshekk għoli, persuna fil-*Credit Control* kienet avviċinat lill-konvenut fis-7 ta' Jannar 2013 sabiex tiġbed l-attenzjoni tiegħu fir-rigward ta' din l-attivita`. "*Kienet inġibdet l-attenzjoni tagħna lejn il-fatt li kien hemm xi ħaġa mhux f' postha għax dan il-kont żdied ħafna f'temp qasir ta' żmien - madwar ġimgħatejn".*

19. Kompla jgħid illi fl-14 ta' Jannar 2013 il-konvenut kien "*eventwalment għarrafna illi kien ta l-password tiegħu lil terza persuna".* (Fil-fatt fl-*email* interna tal-14 ta' Jannar 2013 li Caroline Borg bagħtet lil impjegati oħra tal-Vodafone kitbet illi "*Customer is aware that it is his mistake but not aware of the total due*", u wkoll "*Customer provided web pw* (password) *to third*

[7] Xiehda ta' Joseph Azzopardi, tal-20 ta' April 2015, fol 14-17

*party."*)

20. Ix-xhud jispjega li l-*password* jipprovdi aċċess għal "*My Vodafone Account*" li jkollu l-klijent tramite l-internet. Xehed illi allura kien hemm din it-terza persuna li kienet qegħda tibgħat dawn l-SMSes barra minn Malta mill-kont tal-konvenut.

21. B'referenza għall-*emails* (Dok JA4) spjega li dawn bażikament jirrigwardaw il-korrispondenza li għaddiet bejn il-*Fraud Department* tas-soċjeta` attriċi u l-*Credit Controller* in vista tal-attivita` fir-rigward tal-"*web messaging"* u fihom hemm referenza għall-komunikazzjoni li kienet saret mal-konvenut.

22. Qal li minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, is-soċjeta` iddeċidiet li tnaqqas il-"*fee*" tagħha (€7,815.44) u ħalliet biss it-"*termination charge*" li hija ħallset lin-network internazzjonali, b'mod li b'hekk jiġi li ma tkunx għamlet profitt.

23. Spjega li l-informazzjoni rigwardanti tal-każ tal-konvenut ma jafhiex personalment iżda ħadha mis-sistema, u dan għaliex hija l-prassi li kull meta jkun hemm komunikazzjoni mal-kljent jittieħed annotament ta' dak li jkun għaddej u b'hekk ikun hemm "*log".*

**<u>Verżjoni tal-konvenut:</u>**

24. Da parti tiegħu il-konvenut fix-xiehda tiegħu[8] ikkonferma li kellu kuntratt mas-soċjeta` attriċi u kien iħallas "normali" kull xahar. Fir-rigward tal-kont li kien f' ammont 'il fuq minn €11,000 (u cioe` dak ta' Jannar 2013) qal li kien mar il-branch tal-Vodafone tal-Mosta biex jindaga dwaru iżda ma tawhx informazzjoni. Qal li kien imur kuljum għal tlett ġimgħat sakemm:

*"...darba minnhom kienet ċemplitli ċertu Caroline Borg minn tal-Fraud qaltli 'dawk mhux ser tħallashom', qaltli 'għax iħħekjawlek in-numru', qaltli 'ma għandek tort ta' xejn fihom'. Qaltli, 'jekk taf min hu bħalek bil-kuntratt għidlu biex joqgħod attent għal kellna ħafna problemi hekk.' Għidtilha 'imma jiena kif*

[8] Xiehda tal-konvenut John Theuma tal-4 ta' Frar 2016, fol 49-52.

*ser nibqa'?'…Qaltli 'serraħ rasek, dan mhux ser tħallas xejn.' Qaltli 'int ser tibqa' tħallas il-kontijiet normali li tagħmel telefonati tiegħek"*.

25. Kompla jgħid li nonostante din il-konverżazzjoni baqa' jirċievi l-kont iżda hu baqa' jħallas biss għat-telefonati normali. Qal li xi sitt xhur wara reġgħet kellmitu u reġgħet qaltlu li ma kien ser ikollu jħallas xejn minnhom, iżda imbagħad kien irċieva kont fejn naqqsuhulu għal madwar €3,000 u fuqhom. Meta mar jindaga dwar dan il-kont fil-branch ta' Mosta qalulu li kienu tawh "*discount".*

26. Kontro-eżaminat, u mistoqsi dwar il-kwistjoni tal-*password* li xehed dwarha Joseph Azzopardi, huwa qal "*Le, qatt ma tajt password. Lanqas naf x' inhu password jien, li qal dak*." Meta ġie spjegat lilu li l-*password* hija hemm sabiex biha jkun jista' jidħol fl-online account tiegħu tal-Vodafone u jibgħat il-messaġġi minnu, qal "*Lanqas naf li jeżisti jien".* Kompla jgħid:

*"Lanqas naf li jeżisti dak il-password li qed tgħidu intom. U għadni sal-ġurnata ta' llum jiġifieri jien lanqas jien intiż daqshekk fuq il-…; nuża l-mobile biex inċempel ix-xogħol u hekk u dan; għadni bl-istess mobile li kienu tawni tal-kuntratt."*

27. Insista li dejjem kellmitu ċertu Caroline Borg mill-Fraud u li dejjem qaltlu "*dak inti mhux ser tħallsu għax m'għandek tort ta' xejn, in-numru ġie ħħekkjat."*

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

28. Din il-qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti, wara li rat is-sentenza tat-Tribunal, u wkoll ir-rikors tal-appell tas-soċjeta` attriċi u r-risposta relattiva tal-konvenut, tosserva:'

- Kif ingħad, il-kwistjoni kollha ta' dan il-każ tirrigwarda <u>r-responsabbilta` o meno tal-konvenut</u> fir-rigward tal-attivita` għolja ta' *web messaging* li intbagħtet mill-*online account* tiegħu tal-Vodafone, li kif jirriżulta mill-*itemised bill* li jinsab fuq is-CD (Dok JA3) dan kien fl-aħħar ġimagħtejn ta' Diċembru 2012;

- Għalkemm **hemm qbil li tali *web messaging* ma sarx mill-konvenut personalment**, is-soċjeta` attriċi qed issostni li l-konvenut kien ta l-*password* tal-*online account* tiegħu lil terzi. Pero' l-konvenut jiċħad li għamel hekk*;*

- Ovvjament jekk jirriżulta li l-konvenut effettivament kien għadda l-*password* tal-kont tiegħu lil terzi, jiġi li hemm ness bejn il-konvenut u l-*web messaging* li sar mill-kont tiegħu (u allura f' tali każ il-konvenut għandu jitqies responsabbli għall-ammont mitlub f' dan ir-rigward);

- Issa s-soċjeta` attriċi qed tibbaża l-allegazzjoni li l-konvenut ta' l-*password* tiegħu lil terzi fuq żewġ fatturi:

  (1) il-fatt li f' waħda mill-*emails* mibgħuta internament (minn Caroline Borg) intqal li "*Customer is aware of his mistake but not aware of the total due*" u ***"Customer provided pw to third party"**,* u

  (2) il-fatt li l-konvenut stess fir-risposta tiegħu kien eċċepixxa "*Illi s-soċjeta` attriċi taf li l-esponenti ma għamilx użu minn dan in-numru iżda kien ħaddieħor li b'qerq li s-soċjeta` taf b' dan il-fatt li uża dan in-numru flok l-esponenti".*

- Fl-ewwel lok għandu jingħad illi għalkemm Joseph Azzopardi ikkonferma bil-ġurament tiegħu l-awtentiċita` tal-*emails* (Dok JA4) fis-sens li qal li kien huwa stess li ħareġ kopja tagħhom mis-sistema tas-soċjeta` attriċi, il-**<u>kontenut tal-emails baqa' ma ġiex ikkonfermat mill-awtur taghhom</u>**. L-awtriċi ta' dawk l-emails, li suppost kellha tkun ix-xhud prinċipali tal-attriċi, qatt ma xehedet. Mid-deposizzjoni ta' Azzopardi ma jirriżultax li kien personalment involut f'din l-investigazzjoni.

- Hu minnu li t-Tribunal mhuwiex marbut bir-regola tal-aħjar prova. Madankollu f'dan il-każ sa mill-bidunett il-konvenut kien qiegħed

jikkontesta li hu debitur tal-attriċi. Il-qorti taqbel mat-Tribunal li s-soċjeta` attriċi messha pproduċiet lil Caroline Borg bħala xhud. Is-soċjeta` attriċi fir-rikors tal-appell targumenta illi hija timpjega mijiet ta' nies u għalhekk "*huwa impossibbli li l-istess persuna tkun involuta mill-bidu sal-aħħar fi proċeduri ta' dan it-tip*". Għall-qorti dan l-argument banali. L-attriċi għamlet ħafna enfażi fuq l-emails ta' Caroline Borg biex tgiddeb lill-konvenut. Mela kien fid-dmir tagħha li tressaqha bħala xhud jekk riedet li iġġib fix-xejn il-verżjoni li ta l-konvenut.

- L-attriċi ppreżentat diversi emails. It-tieni waħda datata 7 ta' Jannar, 2013 li ntbagħtet minn ċertu Carmel Duca, li l-qorti fehmet li hu impjegat tal-attriċi. Fl-*email* jingħad li kkomunika mal-konvenut li nfurmah li kien qiegħed jirċievi, "*... a lot of sms from abroad and phone calls. Even during the night. He said that he has been to Mosta and they told him not to reply to any"*. Fl-email ma jissemmiex li l-konvenut qal li ta l-password tiegħu lil ħaddieħor. Pero' mhux magħruf x'seta' ġara wara dik l-email.

- L-eċċezzjoni tal-konvenut fejn qal li s-soċjeta` attriċi kienet konsapevoli tal-fatt li l-użu tal-linja tal-mobile tiegħu saret b'qerq minn terzi bl-ebda mod ma tikkonferma l-allegazzjoni tas-soċjeta` attriċi li kien ta l-*password* lil terzi kif jidher li qed targumenta l-attriċi. Tali eċċezzjoni anzi hija kompatibbli mal-verżjoni li ta, li Caroline Borg kienet qaltlu li l-kont tiegħu kien ġie "*hacked".*

29. Irriżulta wkoll kif il-kont kien €11,615.49, iżda minn jeddha l-attriċi tat skont ta' €7,999.08, ċjoe' tnaqqis ta' 69%. Jekk kif issostni l-attriċi dak li ġara kien minħabba li l-konvenut kien ta l-password tiegħu lil terza persuna, il-qorti ma tarahiex verosimili li l-attriċi kienet ser tagħti skont ta' 68% tal-kont. L-attriċi hi kumpannija kummerċjali u mhux għaqda filantropika!

30. Hu evidenti li f'dan il-kaz it-Tribunal emmen il-verżjoni tal-konvenut, kif kellu kull dritt li jagħmel. M'hemm xejn li jista' jwassal lill-qorti biex tikkonkludi li l-uniku mod kif it-Tribunal kellu jiddeċiedi dan il-każ kien billi jiċħad l-

eċċezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talba tal-attriċi.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tas-soċjeta` attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.**

Anthony Ellul.